# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Giljan**

## Laqgħa Nru. 22/K8/16

Data: 27 ta' Ottubru 2016

Hin: 4.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti:
Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Viċi Sindku
Adrain Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro - Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Skużati: (1) Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli dwar l-attendenza tagħha għal-laqgħa t' Ottubru (Inc. 6796/16). Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tiġi skużata.

Assenti: (0)

Preżenta tal-Pubbliku - (0)

---

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Proġett tat-Taraġ Scicluna;
6. Master Plan ta' Paceville;
7. Attivitajiet tal-Milied;
8. Affarijiet oħra meqjusa urġenti;

9 Approvazzjoni ta' Pagamenti;

10 Approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets;

11 Aġġornament.

**Minuti –*22/K8/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 21/K8/16 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Punti mqajjma mill-Minuti**

2.01 Il-Viċi Sindku għamel riferenza għal-2.01 fejn talab għal *update*, il-Kunsillier Martin John Sultana informa lill-Kunsill li l-ġimgħa d-dieħla ser ikollna data fir-rigward id-Dar ta' l-Anzjani u l-Grawnd tal-Futbol.

2.02 Il-Viċi Sindku għamel riferenza għal-2.02, fejn talab jekk kienx hemm *update* fir-rigward ir-rotta 110, iżda s'issa għad m'hemmx risposta.

2.03 Il-Viċi Sindku għamel riferenza għal-3.04 fir-rigward il-cameras ta' madwar il-bring in sites, il-Kunsill ġie nfurmat li l-cameras bdew joperaw. Nhar it-Tnejn ser ikun hemm tnejn oħra li ser jibdew joperaw. L-unika problema li fadal hija tad-Daħla tat-Tigulio.

2.04 Il-Viċi Sindku għamel riferenza għal-4.05, huwa nforma lill-Kunsill li t-Tipico ser ikunu qed jofru 200 siġra u ser jorganizzaw *coffee morning* għar-residenti għas-spejjez tagħhom. Is-Segretarju ser ikun qiegħed jorganizza sabiex jitella' dan il-*coffee morning* għall-Milied.

2.05 Il-Viċi Sindku għamel riferenza fir-rigward id-*Day Care Centre* ġewwa tas-Sliema, huwa ġie nfurmat li s'issa applikaw erbgħa.

2.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana għamel riferenza fir-rigward it-tindif tal-wied, huwa ġie nfurmat li ċ-Ċermen iltaqa' mal-Perit Fsadni tal-*Malta Tourism Authority* u għandu jagħtih risposta jekk dan huwiex ser isir min-naħa tagħhom. Il-Kunsillier Martin John Sultana talab wkoll li s-sub station li hemm f'Ta' Giorni tiġi mnaddfa wkoll ma' dan it-tindif.

2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt fir-rigward TCTC, il-laqgħa ġiet ikkanċċelata, iżda għandha ssir laqgħa oħra.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.01 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li kien hemm kommunikat mad-Direttur tal-Cleansing Service Directorate s-Sur Ramon Deguara, fejn intbagħtet ittra sabiex it-tindif tas-sajf li jsir ġewwa Paceville jiġi estiż għax-xitwa wkoll, is-Sur Deguara bagħat il-kwotazzjoni ta' kemm tiġi biex dan jsir, u din intbagħtet lill-Ministru tat-Turismu l-Onor. Dott. Edward Zammit Lewis, lill-Ministru tat-Transport u l-Infrastruttura l-Onor. Joe Mizzi, u lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-Sur Adrian Mifsud, fejn il-Kunsill ta spjegazzjoni li m'għandux il-finanzjament għall-ammont li ntalab min-naħa tal-Cleansing Service Directorate għandu. Għaldaqstant għandha tintbagħat ittra lis-Sur Ramon Deguara sabiex jiġi nfurmat b'din is-sitwazzjoni.

3.02 Wara li kienu ħarġu l-applikazzjonijiet ġodda għall-post ta' skrivana, Paul Spiteri ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-Sinjura Bently

Muscat Curmi li kienet l-aktar persuna idonja mill-interviews. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill fir-rigward il-laqgħa li saret mal-Perit Stephen Farrugia u ma' Polidano Bros fir-rigward il-*Public Private Partnership*. Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtet ittra lill-Perit sabiex jiċċertifika x-xogħol.

3.04 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul wasal fil-5.10p.m.

3.05 Il-Ġnien tal-Palazz ta' Spinola qiegħed bħalissa jitnaddaf mill-ħaddiema tal-Ministeru u kellna talba sabiex il-Kunsill jibda jiftaħ dan il-ġnien kuljum filwaqt li t-tindif u l-manutenzjoni ser isir mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill qabel li jibda jinfetaħ u l-ELC ma sabet l-ebda oġġezzjoni sabiex tiftaħ u tagħlaq dan il-ġnien flimkien ma' Spinola Gardens.

3.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li bħala ġbir tal-borża il-griża fil-lokalita' rdoppja.

3.07 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li irċivejna ċekk ta' elf ewro min-naħa tal-Green Mt mill-ammont ta' €19,000 li għandu pendent mal-Kunsill.

3.08 Fir-rigward ir-racks tar-roti, dawn waslu u fi ftit żmien dawn ser jibdew jiġu nstallati. Dawn ser isiru ħdejn il-Love Monument, ħdejn il-Barracuda u fejn in-Neptunes.

3.09 Saret riferenza għall-*advertising barriers* li hawn fil-lokalita', ġie deċiż li l-Kunsillier John Agius ser ikun qiegħed jgħin sabiex tinġabar l-informazzjoni dwarhom.

3.10 St. Patrick's Day – il-Kunsill ġie nfurmat li kienet saret laqgħa mas-Sur Phillippe Gatt fir-rigward it-talba tiegħu sabiex jieħu ħsieb l-organizazzjoni ta' St. Patrick's Day. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li tiġi organizzata minnu iżda għandu jintalab l-ammont ta' €2,000 bħala kumpens għall-ispejjez li jista' jkollu l-Kunsill u li jkun hemm ftehim dwar il-kundizzjonijiet msemmija.

3.11 Il-Vici Sindku Albert Buttigieg gie skuzat fis-6.00p.m.

## 4 Korrispondenza

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

***Rif Nru. 6219***

4.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier Clayton Luke Mula dwar l-Un/loading Bay fi Triq Forrest. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jsiru 3 tabelli li fi Triq Forrest m'għandux jsir parkeġġ ta' *vetturi kbar.*

***Rif. Nru. 6334***

4.03 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Andre' Micallef-Grimaud dwar attivita' f' San Ġiljan. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din issir fil-biċċa fejn hemm il-ġnien iż-żgħir fi Triq San Mark, jinżebgħu r-railings tal-pont tal-Knisja u jinżebgħu il-bankijiet ta' Ġnien Spinola.

***Rif Nru. 6398***

4.04 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Lorna Buttigieg dwar Triq il-Klarissi. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ċ-Ċermen jiltaqa' magħha u jinforma lill-Kunsill.

***Rif Nru. 6424***

4.05 Il-Kunsill ġie nfurmat bill-korrispondenza mingħand Building & Design Consultant dwar donazzjoni ta' mitt siġra.

**Rif Nru. 6443**

4.06 Saret riferenza għat-talba għal bollards eletroniċi minghand l-EF International Language Centre fi Triq Santu Wistin. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni iżda din ser tintbagħat lit-Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

**Rif Nru. 6516**

4.07 Saret riferenza għall-proposta ta' bdil ta' ismijiet ta' żewġ toroq mingħand il-Kunsillier Clayton Luke Mula. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din għandha terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**Rif Nru. 6573**

4.08 Il-Kunsill ġie nfurmat bic-Ċirkulari mingħand l-WasteServ Malta rigward inizzjativa matul l-EWWR 2016.

**Rif Nru. 6748**

4.09 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Soċjeta' Mużikali Spinola għall kollaborazzjoni tal-Programm Annwali tal-Milied. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament jkun hemm il-kollaborazzjoni tal-Kunsill għal dan il-kunċert u l-Kunsill jikkontribwixi l-ammont ta' €250.00.

**Rif Nru. 6749**

4.11 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali Spinola sabiex terġa' tintrama Triq San Ġorġ fi zmien il-Milied. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill qabel ma din il-proposta u li joħroġ il-kontribuzzjoni ta' €720 pero' għandna nitolbuhom sabiex jagħmlu wkoll parti minn Triq Ross (mir-roundabout sar-roundabout)

**5. Proġett tat-Taraġ Scicluna**

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li intbagħtet ittra mingħand il-Perit minħabba li ma ġietx aċċettata l-pjanta tal-proġett tat-Tarag Scicluna. Il-Perit kellu jippreżenta pjanti ġodda.

**6. Master Plan ta' Paceville**

6.01 Dan l-item kien ser jitħalla għal darb'oħra minħabba li hekk iddeċida l-Kunsill fil-laqgħa preċidenti kienet ser tissejaħ laqgħa konsultativa mar-residenti mill-Kunsill nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2016 fis-7.00p.m. ġewwa il-Millenium Chapel.

**7. Attivitajiet tal-Milied**

7.01 Din is-sena mhux ħa jintbagħtu kartolini, iżda ser jittelgħu l-awguri fuq *facebook.*

7.02 Ser issir l-ikla tal-Kunsill li kull sena ssir.

7.03 Ser terġa' ssir il-ħarġa għall-anzjani.

**8. Affarijiet oħra meqjusa urġenti.**

8.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ta spjegazzjoni fir-rigward il-konferenza tal-ECAD li attenda għalija f'isem il-Kunsill

8.02 Ser issir il-ħarġa għal Għawdex fid-9 ta' Novembru 2016. Il-prezz huwa ta' €10.00.

## 9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet

9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi ‘ A’).

9.02 Il-Kunsillier Clayton Mula pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

9.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekondaha.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fis 7.00p.m.

## 10. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4066 sa’ 4077. (Ara Appendiċi ‘B’)

10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 4066 sa’ 4077.

## 11. Aġġornament

11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 17 ta’ Novembru 2016 fl-4.00p.m.

11.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Data: **17 ta’ Novembru 2016**